**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 885/2017 AF**

**Burmarrad Commercials Limited (C-13537)**

**vs**

**Baskal Giordimaina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Burmarrad Commercials Limited maħluf minn Mario Gauci, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta fit-12 ta' Gunju 2000, bir-referenza numru 938/00GC, l-intimati gew ordnati jhallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tmint'elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm8,800), illum ekwivalenti ghal ghoxrin elf, hames mija u erba' Ewro (€20,504), kif ukoll bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha sad-data tal-pagament effettiv. Din is-somma

ghadha sal-lum dovuta lill-istess u tirrapprezenta import ta' hdax-il kambjala, accettati mis-socjetà konvenuta u ffirmati *par avallo* mill-konvenut Baskal Giordimaina (Dok. 'A').

L-intimati naqsu milli jipprezentaw appell ghall-imsemmija kawza entro t-terminu ta' ghoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza surriferita. Ghalhekk is-socjetà rikorrenti illum il-gurnata ghandha titolu ezekuttiv fuq l-import hawn fuq imsemmi (Dok. 'B').

Madanakollu s-socjetà rikorrenti naqset milli tesegwixxi dan it-titolu ezekuttiv fiz-zmien hmistax-il sena (15) kif provdut fl-Art. 258(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-somma originarjament reklamata ghadha hekk dovuta fl-intier taghha, dan flimkien mal-imghax dekors u spejjez gudizzjarji inkorsi ghall-ottjeniment tas-sentenza surriferita (Dok. 'C').

In vista tal-Art. 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-suespost qieghed jigi konfermat bil-gurament ta' Mario Gauci (K.I. 233284(M)) kif debitament awtorizzat mis-socjetà Burmarrad Commercials Limited (C-13537), *qua* direttur tal-istess.

Intalbet din il-Qorti sabiex previa kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna tawtorizza lill-istess tesegwixxi kontra l-intimati t-titolu ezekuttiv ottjenut kif fuq spjegat ai termini tal-Art. 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Baskal Giordimaina li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Dan ir-rikors jirrigwarda sentenza illi nghatat minn din il-Qorti aktar minn 17-il sena ilu u cioè fit-12 ta' Gunju 2000 fil-kawza numru 938/00GC fl-ismijiet Burmarrad Commercial Limited vs Giordimaina Construction Ltd u Baskal Giordimaina.

Din kienet kawza ghall-hlas ta' kambjali li kienu nhargu biex ikopru prezz ta' vettura (truck) illi l-esponenti kien akkwista minghand is-socjetà rikorrenti.

Sussegwenti ghal din is-sentenza, l-ammont pretiz u akkordat mill-Qorti kien gie pacut bi ftehim billi s-socjetà Burmarrad Commercials Limited hadet lura l-imsemmi 'truck' a saldu tal-ammont pretiz.

Dan jafuh sew id-diretturi tal-istess kumpanija u tant huwa minnu illi ghal 17-il sena ma ghamlu xejn ghaliex kienu kuntenti bil-ftehim li ntlahaq.

Allura huwa totalment ingust (sakemm mhux zball genwin) illi issa, 17-il sena wara, l-istess socjetà trid illi tenforza l-istess sentenza u tippretendi li tigbor xi hlas minkejja li kien hemm it-tpacija msemmija.

Kemm il-darba t-talba tar-rikorrent noe tintlaqa', tkun qed isehh perverzjoni ta' dak li huwa gust, u tali abbuz ma ghandux jigi accettat.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba tar-rikorrenti noe ghandha tigi michuda.

Semgħet ix-xhieda prodotti

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija procedura għall-eżekuzzjoni ta' sentenza minħabba li għadda ż-żmien previst mill-Artikolu 258(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

A tenur ta' dan l-artikolu, wara l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi sentenza tal-Qorti Superjuri setgħet tiġi esegwita, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti.  Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew

tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et, deċiża fit-18 ta' April 2002, intqal hekk:

> *"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt, xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smiegħ."*

Fis-sentenza fl-ismijiet George Pace vs Charles Gauci, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Novembru 2004, intqal illi:

> *"...dan ma setax jissolleva eċċezzjonijiet fil-meritu f'kawża għall-awtorizzazzjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza. Dan anke għaliex eċċezzjonijiet konsimili setgħu dejjem jiġu faċilment sollevati fil-proċeduri anteċedenti li wasslu għas-sentenza. Kif kienet irraġunat is-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Falzon proprio et nomine -vs- Joseph Vella et**", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taċċetta l-prinċipju li l-konvenut jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-meritu tkun qegħda tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li konvenut jingħata l-opportunita` li jtawwal il-proċeduri kontrih;*
>
> *Huwa evidenti minn din l-osservazzjoni illi f' kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtoriżżazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġja kanoniżżat bis-sentenza preċedenti. F'dan is-sens hi d-deċiżjoni fl-ismijiet "**John Portelli nomine -vs- Henry Azzopardi proprio et nomine**", Appell, 29 ta' Mejju 1997."*

Kif ritenut ukoll fil-każ Bank of Valletta p.l.c. vs Multi Investments Limited et, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Mejju 2012:

"*Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bażi tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hu fl-affermattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerġa jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skont il-liġi seta' jiġi eżegwit kontra d-debitur, il-liġi terġa ġġedded a bażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 l-eżegwibilita tat-titolu eżekuttiv*."

Rilevanti wkoll huwa dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech tat-12 ta' Diċembru 2000:

"*Li l-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kononizzat li jkun ghadu ma thallasx, jidher car li la darba l-intimat qed jallega li huwa hallas l-ammonti kollha dovuta, l-oneru tal-prova tal-istess pagamenti hija kollha fuqu u dan in konformità mal-principju li min jallega ghandu l-oneru tal-prova.*"

Finalment, kif spjegat ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Refco Co Ltd et, tat-12 ta' April 2012:

"*Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isiru hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe` li l-obligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovjament, l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati*."

Fil-kawża tal-lum, jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti ġiet kanonizzata kreditriċi tal-konvenut għas-somma ta' Lm8,800, illum €20,498.49, permezz ta' sentenza deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ġunju 2000 (938/2000 GC) fl-istess ismijiet, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut. Il-kreditu jirrappreżenta l-import ta' ħdax-il kambjala, aċċettati u ffirmati mill-konvenut, liema kambjali kienu mmaturaw. Il-konvenut ma kienx ikkontesta l-kawża u minn din id-deċiżjoni ma kienx ġie intavolat appell.

Fir-risposta tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li l-ammont pretiż ġie paċut meta s-soċjetà rikorrenti ħadet lura t-*truck* li huwa kien akkwista mingħandha bil-kuntratt ta' *hire purchase*, għal liema *truck* jirreferu l-kambjali mertu tal-kawża 938/2000 GC. Mario Gauci għan-nom u in rappreżentanza tar-rikorrenti jispjega li l-valur ta' dan it-*truck* fl-istat li fih ġie ritornat lir-rikorrenti kien tnaqqas mill-bilanċ mitlub minnha.

Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja t-teżi tiegħu li l-ammont kanonizzat attwalment tħallas. Filwaqt illi jgħid li meta rritorna t-*truck* huwa ffirma xi karta, kopja ta' din il-karta m'għandux. Il-konvenut stess jammetti li dan it-*truck* ġie ritornat qabel ma ġiet intavolata l-kawża u ċioè fis-sena 1997 jew 1998. Dan ifisser li l-eċċezzjoni li qiegħed iqajjem hija waħda fil-mertu li kien imissu qajjem fil-kawża li saret kontrih għall-ħlas, u mhux fil-proċeduri tal-lum fejn il-Qorti hija prekluża milli tinvestiga eċċezzjonijiet ta' din ix-xorta.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba attriċi.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG